Knisja elfejn

sena XXXVI nru. 149

lulju – settembru 2024

# Il-mixja tal-Konċilji Ekumeniċi

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP
**Il-Konċilji Ekumeniċi tas-sekli 4 u 5** 5

Fr Dr Jonathan Farrugia
**Il-Konċilji Ekumeniċi bejn is-sekli 6 u 9** 15

Fr Llewellyn Muscat OP
**Ħarsa lejn l-ewwel Konċilji Oċċidentali** 29

Mons. Prof. Hector Scerri
**Il-Konċilji Ġenerali tas-sekli 15 u 16** 43

Dr Dorianne Buttigieg
**Il-Konċilju Vatikan l-Ewwel u l-Konċilju Vatikan it-Tieni: Ermenewtika ta' Kontinwità** 57

Fr Raymond Gatt OP
**Il-Papiet fil-mixja tal-Konċilji Ekumeniċi** 69

Kontributuri 78

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni
Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Misraħ San Duminku
Rabat RBT 2521

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Best Print, Qrendi. Tel. 21 680789
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

# Il-Konċilji Ekumeniċi bejn is-sekli 6 u 9

Fr Dr Jonathan Farrugia

## Daħla

Wara l-waqgħa ta' Ruma l-Imperu Ruman kompla jeżisti għal elf sena oħra ċċentrat madwar Kostantinopli, u l-imperaturi kienu mejusa bħala l-protetturi tal-Knisja u tal-Kristjaneżmu. L-għanijiet tal-Knisja mhux dejjem kienu l-istess bħal dawk tal-imperaturi, u għalhekk il-konflitti ma naqsux. F'dan iż-żmien il-Knisja kienet f'sitwazzjoni xi ftit żvantaġġjata għaliex ladarba kienet tiddependi mill-protezzjoni tal-imperatur, l-affarijiet kienu jsiru diffiċli u skomdi meta l-patrijarki ta' Ruma (jiġifieri l-Papiet) ma kinux jaqblu ma' dak li ried l-imperatur. Fis-seklu ħamsa l-Konċilji kienu ta' interess għall-imperaturi għax uħud minnhom ġenwinament kienu qed ifittxu li l-fidi nisranija tkun korretta, iżda bħalma se naraw dak li wassal lill-imperaturi tas-sekli sitta sa disgħa biex isejħu l-konċilji ma kienx l-interess fl-ortodossija daqs kemm kien il-bżonn li jintlaħaq ftehim biex ma jkunx hemm firdiet fl-imperu. F'dawn l-erba' konċilji li se naraw jibda joħroġ aktar fid-deher il-bżonn tal-Knisja (speċjalment dik Rumana) li tiddistakka ruħha mill-jasar politiku biex tkun tista' tiddefendi l-ortodossija.

## It-Tieni Konċilju ta' Kostantinopli (553)

Minkejja l-kontribut dottrinali li jagħti kull konċilju ekumeniku, dejjem ikun hemm element politiku mdaħħal, anke jekk jista' jkun sekondarju għall-esiġenzi ekkleżjastiċi.[1] Prova ta' dan nistgħu ngħidu li huwa l-fatt li l-konċilji kienu jissejħu mill-Imperatur u mhux minn xi patrijarka. Anke l-Konċilju ta' Kalċedonja, li kien l-ewwel wieħed li fih it-tagħlim ta' Papa (il-Patrijarka ta' Ruma) kellu sehem determinanti, ukoll sar għax l-imperatur ta' Kostantinopli qabel li jsir, u kkonvokah

hu. It-Tieni Konċilju ta' Kostantinopli huwa eżempju ċar ta' kif konċilju jista' jintuża minn imperatur ta' ċerta qawwa biex imexxi 'l quddiem politika ta' 'paċi soċjali' akkost ta' kollox, anke jekk ikun hemm bżonn iżomm il-Papa mjassar għal snin sħaħ sa ma jċedi għal dak li ried hu! Bħal dejjem, il-għarfien tal-kuntest storiku u dottrinali huwa meħtieġ biex nifhmu aħjar dak li seħħ fil-Kapitali tal-imperu fis-sena 553, meta Ġustinjanu kien imperatur u kellu, sa mis-sena 545, lill-Papa Viġilju miżmum taħt idejh.

Xi ftit jew wisq nistgħu ngħidu li l-ġrajja bdiet ftit wara li ntemm il-Konċilju ta' Kalċedonja mitt sena qabel. Dan, grazzi għad-duttrina kristoloġika korretta u ċara tat-*Tomus Leonis*, kien issejjaħ biex isikket il-Monofiżiti li kienu jsostnu, bħall-mexxej tagħhom Ċirillu, Patrijarka ta' Lixandra, li Kristu kellu natura waħda biss, dik divina.[2] Fil-Konċilju ta' Kalċedonja t-tagħlim dwar iż-żewġ naturi ta' Kristu – Alla sħiħ u bniedem sħiħ – sar it-tagħlim uffiċjali tal-Knisja. Iżda l-monofiżitiżmu ma spiċċax ma' Kalċedonja, daqs kemm l-Arjaniżmu ma spiċċax ma' Niċea![3] Immedjatament wara l-għeluq tal-Konċilju nħolqu żewġ fazzjonijiet teoloġiċi: il-Kalċedonjani (ewlenin fost kulħadd il-Knejjes f'Ruma u f'Kostantinopli) li kienu diofiżiti u l-Anti-Kalċedonjani (l-aktar il-Knejjes fl-Eġittu, fis-Sirja u għal xi żmien fil-Palestina) li kienu monofiżiti, li baqgħu għal seklu sħiħ jakkużaw lil xulxin li kienu eretiċi. Il-Kalċedonjani akkużaw lill-oħrajn għax ma aċċettawx it-tagħlim tal-konċilju tal-451, waqt li l-Anti-Kalċedonjani akkużaw lill-oħrajn li kienu Nestorjani *tout court*. Minn dan id-dibattitu kontinwu nifhmu li t-tagħlim li Kristu kellu żewġ naturi imma kien persuna (ipostasi) waħda kien għadu mhux mifhum minn ħafna għax għalihom żewġ naturi kienu jfissru żewġ persuni, kif kien sostna Nestorju qabel il-konċilju ta' Efesu (431).

Naturalment il-monofiżitiżmu seta' jibqa' jeżisti u jissaħħaħ wara l-kundanna tas-sena 451 grazzi għas-sapport li sab minn persunaġġi ta' prominenza kbira bħalma kienu l-imperatur Anastasju I (491-518),[4] il-patrijarka depost ta' Antijokja Severu (c.459-538)[5] u l-imperatriċi Teodora (c.460-548) mart Ġustinjanu. Lejn l-aħħar tal-ħames seklu kien hemm min prova jġib xi forma ta' għaqda superfiċjali, bħall-imperatur Zeno li fis-sena 482 ħareġ dokument dommatiku msejjaħ *Henotikon* li

fih żamm 'il bogħod milli jgħid jekk Kristu kellux natura waħda jew tnejn, bil-konsegwenza li dan ma għoġob lil ħadd.

Meta sar imperatur Ġustinjanu fis-sena 527 hu malajr beda juri li kellu ambizzjoni li jkun Kostantinu ġdid... mhux biss f'dik li hija l-bini ta' belt (fil-fatt fi żmienu saru wħud mill-iktar binjiet importanti f'Kostantinopli, fosthom il-Hagia Sophia), imma wkoll f'dik li hija l-għaqda fil-Knisja u fl-Imperu.[6] Din ma kienetx biċċa xogħol faċli għax waqt li hu kien sostenitur tat-tagħlim ta' Kalċedonja, martu Teodora, li kien iħobb daqs ħajtu stess, bħalma rajna kienet monofiżita.

Ġustinjanu qabel ma' oħrajn li l-uniku mod kif setgħet tiġi l-għaqda kien billi, waqt li t-tagħlim ta' Kalċedonja dwar iż-żewġ naturi ta' Kristu jiġi milqugħ u promulgat mill-ġdid, kellhom jiġu kkundannati l-kitbiet ta' tliet awturi partikulari li kitbiethom wasslu għad-definizzjoni ta' Kalċedonja imma li om kienu tkellmu bil-miftuħ kontra t-teoriji ta' Ċirillu ta' Lixandra li, kif għedna jista' jitqies bħala l-fundatur tal-monofiżitiżmu. Dawn kienu Teodoru ta' Mopsuestia (+428), Teodoretu ta' Ċiru (+457) u Ibas ta' Edessa (+457), li kienu magħrufa bħala t-*Tria Capitula* ('it-tliet kapitli'). Ma' dawn iddaħħal fil-lista wkoll Oriġene, awtur minn Lixandra li kien ilu mejjet sa mis-sena 253 minħabba xi kitbiet tiegħu li issa kienu meqjusa bħala żbaljati għalkemm fi żmienu ma kinux.

Fis-sena 545, Ġustinjanu – probabbilment immexxi minn martu – ħareġ editt tal-kundanna ta' dal-kapitli,[7] imma l-Papa rrifjuta li jaċċettah, għalhekk Ġustinjanu bagħat xi uffiċjali tiegħu Ruma li arrestaw lill-Papa u ħaduh Kostantinopli. Tliet snin wara l-Papa ċeda u dan ħoloq reazzjoni kerha fil-Punent u Ġustinjanu kellu jirtira l-editt u wiegħed li l-kwistjoni kellha tissolva permezz ta' konċilju ekumeniku.

Dan seħħ bejn il-5 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju tas-sena 553 f'Kostantinopli u attendew aktar minn 160 isqof, uħud minnhom mill-Punent. Matul dak ix-xahar ta' diskussjonijiet il-Papa u l-isqfijiet tal-Punent ma ftehmux, għax l-isqfijiet dehrilhom li ma kellux jikkundanna l-kapitli. Għalhekk ħadmu flimkien biex sabu 60 silta ta' Teodoru u kkundannaw lilhom bla ma skomunikaw lill-kittieb. Dan ma għoġobx lill-isqfijiet tal-Lvant, imma biex tinżamm il-għaqda fil-Knisja ntlaħaq ftehim bejn kulħadd li t-tagħlim tal-erba' konċilji ta' qabel (inkluż ta' Kalċedonja) kellu jiġi aċċettat basta jiġu kkundannati t-tliet kapitli. U hekk seħħ.[8] Ma

dawn ġew ikkundannati wkoll it-teoriji żbaljati ta' Oriġene u dak li kien beda jissejjaħ l-Oriġeniżmu. Ġustinjanu, bl-awtorità tiegħu bħala imperatur, ra li kulħadd fl-imperu jaċċetta d-deċiżjonijiet tal-konċilju, u wieħed mill-modi biex għamel dan kien billi żamm lill-Papa sena oħra f'Kostantinopli. Il-Monofiżiti tilfu ħafna popolarità u dawk li baqgħu iwebbsu rashom ingħaqdu ma' setta eretika oħra mnedija minn Ġuljanu ta' Alikarnassu li bdiet tissejjaħ tal-Aftartodoċetisti li kienu jsostnu li Kristu, ladarba kien Alla, kellu ġisem uman veru imma li ma setax ibati. Lejn it-tmiem ta' ħajtu Ġustinjanu qabel magħhom u kienet biss il-mewt li laħqitu fl-14 ta' Novembru 565 li waqqfitu milli joħroġ digriet biex isostni l-ortodossija ta' din il-kristoloġija żbaljata.

**It-Tielet Konċilju ta' Kostantinopli (680-681)**

Fis-seklu sebgħa l-Imperu Biżantin beda jħabbat wiċċu mal-invażjonijiet Musulmani, u għalhekk l-attenzjoni ma baqgħetx daqshekk iffukata fuq il-kwistjonijiet ta' għaqda fit-twemmin peress li l-akbar urġenza saret li kemm jista' jkun ma jintilfux territorji u li jinġiebu lura dawk li ntilfu. Għedna li l-Monofiżiti tilfu ħafna popolarità wara l-konċilju tas-sena 553 u li l-aktar stinati ngħaqdu ma' setta oħra, imma madanakollu ma spiċċawx. Għaldaqstant inħass aktar il-bżonn li jinsab xi forma ta' ftehim ħalli l-kwistjonijiet ta' fidi ma jibqgħux jieħdu moħħ l-imperaturi.

L-ewwel moviment lejn kompromess sar fi żmien l-imperatur Erakliju (610-641) meta kien patrijarka ta' Kostantinopli Serġju (610-638). Dan ippropona kristoloġija mgħawġa fil-forma tal-'monoenerġiżmu' li fiha stqarr li Kristu kellu żewġ naturi imma li kellu kapaċità operativa ('enerġija') waħda; għalkemm ma ntqalx ċar u tond, naturalment din l-enerġija kienet divina għaliex id-divin huwa dejjem aktar qawwi mill-uman. Il-ħsieb kien li jgħaqqad flimkien kemm lil dawk li kienu favur il-kristoloġija korretta li Kristu kellu żewġ naturi, kif ukoll lil dawk li baqgħu jsostnu li kellu natura waħda.[9] L-imperatur mill-ewwel qabel ma' din il-proposta, u qablu wkoll il-patrijarka Ċiru ta' Lixandra u l-Papa Onorju.

Wieħed minn tal-ewwel li għaraf l-iżball f'din it-teorija kien il-patrijarka ta' Ġerusalem Sofronju li stqarr pubblikament li din kienet

tmur kontra t-tagħlim li ġie promulgat f'Kalċedonja (451) u li reġa' ġie konfermat f'Kostantinopli (553) li Kristu kellu żewġ naturi sħaħ; jekk min-natura umana titneħħa l-kapaċità operativa, in-natura ma tibqax sħiħa. L-argumenti ta' Sofronju ħallew effett u ħafna, inkluż il-Papa, indunaw li dak li kien qiegħed jipproponi Serġju ma kienx se jġib għaqda, imma aktar firda. Serġju, għalhekk bidel id-diska, u flok "enerġija waħda" beda jitkellem fuq "rieda waħda" (li għal darb'oħra kienet ir-rieda divina). Id-diskors irranġat ta' Serġju reġa' wassal lil ħafna biex jaqblu miegħu, u l-imperatur Erakliju ħa l-okkażjoni biex fis-sena 638 ħareġ l-editt imsejjaħ *Ekthesis* li fih iddekreta li din il-forma ġdida ta' kristoloġija, imsejħa 'monoteletiżmu' (rieda waħda) kienet il-forma uffiċċjali tat-twemmin nisrani rikonoxxut fl-Imperu.[10] Il-Papa jidher li ta l-appoġġ tiegħu għal dan, għalkemm jidher li l-pożizzjoni tiegħu ma ġietx spjegata sew.

Għal ftit snin l-attenzjoni daret fuq il-qagħda politika minħabba l-invażjonijiet li baqgħu għaddejjin. Lejn is-sena 645 daħal fix-xena teologu kbir ieħor li ħalla l-marka tiegħu fil-ġlieda kontra dawn il-kristoloġiji żbaljati. Dan kien monaku jismu Massimu li f'Kartaġni daħal f'argument pubbliku kontra l-patrijarka Pirru ta' Kostantinopli fuq din il-kwistjoni. Mill-ktieb li nkiteb fuq dan id-dibattitu nieħdu idea ta' kemm il-kwistjoni kienet kumplessa. Massimu insista fuq l-integrità tan-natura umana ta' Kristu u wera kif dan il-kompromess miġjub bil-monoteletiżmu seta' faċilment jerġa' jqajjem diffikultajiet bħal dawk li nqalgħu wara l-konċilji ta' qabel. Huwa spjega li r-rieda hija marbuta man-natura – mela Kristu kellu kemm rieda divina kif ukoll rieda umana ladarba kellu żewġ naturi – madanakollu l-kapaċità tal-għażla kienet kwalità tal-persuna – mela Kristu, li kien persuna waħda, kellu l-kapaċità li b'għażla jmexxi r-rieda umana ma' dik divina biex jevita d-dnub u l-iżball.[11]

L-argumenti teoloġiċi wasslu lill-imperatur Kostanzu II biex fis-sena 648 joħroġ editt ieħor jismu *Typos* li fih xejjen l-*Ekthasis* u pprojbixxa kull tkomplija ta' argumentazzjoni teoloġika fuq l-enerġija jew ir-rieda ta' Kristu. Sena wara, il-Papa Martin, li kien laqa' għandu lil Massimu, ikkundanna dan l-editt u ddekreta li t-tagħlim korrett kien li Kristu kellu żewġ ridiet. Inkurlat, l-imperatur ordna li l-Papa u Massimu jiġu arrestati.

Il-Papa spiċċa eżiljat fil-Kerson fejn bata ħafna umiljazzjonijiet u torturi u miet fis-sena 655; huwa l-aħħar Papa meqjus bħala martri. Massimu ġie kkundannat, ittorturat u mibgħut f'Lazika fejn miet bħala konfessur tal-fidi fis-sena 662. Dawn iż-żewġ persunaġġi huma importantissimi għax permezz tagħhom jibda joħroġ aktar ċar il-bżonn tal-indipendenza tal-ħsieb teoloġiku mill-awtorità politika.

Ix-xhieda ta' dawn ma mitetx magħhom, u d-diskussjoni kompliet. Fis-sena 680 l-imperatur Kostantinu IV sejjaħ konċilju ekumeniku ieħor fil-Kapitali biex tiġi ċċarata l-kwistjoni. Fl-ewwel sessjoni, li saret fis-7 ta' Novembru, kien hemm preżenti inqas minn 50 isqof, imma sakemm wasal biex jintemm permezz tas-17-il sessjoni nhar is-16 ta' Settembru 681 kien hemm aktar minn 170.[12] L-iżbalji tas-sostenituri tal-monoteletiżmu ġew murija u dawk li appoġġawhom fl-aħħar ħamsin sena ġew ikkundannati, fosthom il-patrijarki ta' Kostantinopli Serġju u Pirru u oħrajn li daħlu fil-ġrajja aktar tard, bħall-patrijarkji kontemporanji Ċiru ta' Lixandra u  Makarju ta' Antijokja. Magħhom ġie kkundannat ukoll il-Papa Onorju, għalkemm kittieba minn żmienu sostnew li meta hu aċċetta l-monoteletiżmu hu kellu f'moħħu biss in-natura umana, jiġifieri ma kien naqqas xejn minnha, u qatt ma ċaħad li Kristu kellu rieda oħra fin-natura tiegħu bħala Alla.

Lixandra u Antijoka nqatgħu mill-komunjoni ma' Kostantinopli u Ruma minħabba l-kundanna tal-patrijarki tagħhom, imma din il-firda fuq livell teoloġiku ma baqgħetx problema għall-imperu għax dawn it-territorji kienu diġà għaddew taħt il-ħakma Musulmana.

**It-Tieni Konċilju ta' Niċea (787)**

Matul il-mitt sena wara t-Tielet Koċilju ta' Kostantinopli, l-imperu kompla għaddej bit-taqbida tiegħu kontra l-invażjonijiet Musulmani u l-gwerer kontra ġnus oħra li kienu jgħixu mal-konfini. Xi minn daqqiet il-Biżantini kienu joħorġu rebbieħa, drabi oħra le... u għalhekk kellha tinsab raġuni għalfejn Alla deher li spiss kien qiegħed jabbanduna lill-imperu nisrani fil-mumenti meta l-aktar li kellu bżonnu.

Wieħed li ta soluzzjoni kien l-imperatur Ljun III (717-741): Alla ma kienx qed jgħin lill-Biżantini għax iċ-ċittadini kienu reġgħu saru idolatri. Skont hu, il-qima lejn Alla kienet ġiet midbula mal-qima lix-xbihat u dan

lil Alla ma kienx qed jogħġbu. Ir-raġunament li għamel Ljun jista' jkun spjegat billi nżommu quddiem għajnena minnfejn beda l-Kristjaneżmu u l-qagħda preżenti tiegħu fis-seklu tmienja. Il-fidi nisranija kienet ħarġet mill-Ġudaiżmu, li kellu projbizzjoni ċara kontra kull xbiha; fil-preżent (jiġifieri fis-seklu tmienja) l-Iżlam, li wkoll kien kontra x-xbihat, kien qiegħed jirbaħ aktar territorji li kienu tal-Imperu... mela bilfors li l-problema kienu ix-xbihat. Għalhekk, bejn is-snin 726 u 729, ħareġ ordnijiet biex ix-xbihat ta' Kristu u tal-qaddisin jinqerdu fl-imperu kollu. Il-Papiet Girgor II u Girgor III ħaduha kontrih u dan kważi wassal għal gwerra bejn l-imperu u l-Knisja, imma waqt maltempata l-Imperatur għamel telfiet kbar fl-armamenti u għalhekk siket.

Ibnu, Kostantinu V (741-775) kompla fejn ħalla missieru u sejjaħ konċilju f'Hieria f'Awwissu tas-sena 754 li għalih sejjaħ numru ta' isqfijiet li kienu kontra x-xbihat. Tul il-konċilju dawn ippreżentaw argumenti li x-xbihat setgħu jwaqqgħu lill-Insara mill-ġdid fil-monofiżitiżmu jew fin-nestorjaniżmu (temi li kienu ilhom li twarrbu mill-politika imperjali!), mela kien jeħtieġ li jinqerdu. Dawk kollha li ma qablux ġew skomunikati, fosthom il-patrijarka ta' Kostantinopli Ġermanu u l-monaku Ġwanni ta' Damasku, li ħalla tliet omeliji mill-isbaħ bir-raġunijiet għalfejn ix-xbihat kien ħaqqhom il-qima (imma mhux l-adorazzjoni); it-tnejn kienu ilhom mejtin, imma tul ħajjithom kienu ħaduha kontra missieru. Fi tmiem dan il-konċilju l-qerda tax-xbihat (imsejħa l-ikonoklażmu) ġiet milqugħa bħala d-duttrina uffiċjali tal-Knisja tal-Lvant u x-xbihat bdew jiġu sistematikament meqruda – fost il-ftit li ħelsuha nsemmu x-xbihat fil-Monasteru ta' Santa Katarina fuq is-Sinaj – u kull min prova jsalva x-xbihat ġie ppersegwitat.

F'Ruma, fejn l-awtorità tal-imperatur kienet limitata, il-Papiet laqgħu lill-monaċi li ħarbu mil-Lvant minħabba l-persekuzzjoni, u anke tawhom permess jużaw il-liturġija Biżantina flok dik Latina; mhux darba u tnejn li kitbu lill-imperatur biex jibdel l-atteġġjament tiegħu.

Il-qagħda baqgħet l-istess sakemm dam ħaj Kostantinu V, iżda meta floku laħaq ibnu Ljun IV, probabilment grazzi għal martu Irene ta' Ateni, il-persekuzzjonijiet waqfu. Meta miet Ljun, Irene kompliet tmexxi l-imperu ma' binha Kostantinu VI, u anke wara, u kien bis-saħħa tagħha li l-ikonoklażmu twaqqaf għal kollox.

L-ewwel ħjiel ta' dan ġej minn ittra tal-Papa Adrijanu I lil Irene u binha Kostantinu VI,[13] li fiha faħħarhom talli kellhom il-ħsieb li jerġgħu jippermettu l-qima lix-xbihat. Għalkemm kien hemm xi diffikultajiet u irregolaritajiet – fosthom li Ljun III kien ħa xi artijiet mingħand il-Papa fis-sena 740, u li fis-sena 784 Irene kienet għażlet bħala patrijarka ta' Kostantinopli lil Tarasju li ma kienx saċerdot – intlaħaq ftehim biex isir konċilju ekumeniku ieħor biex jintlaħaq ftehim fuq ix-xbihat. Il-Papa għażel żewġ rappreżentati tiegħu biex jippresiedu.

Dan seħħ f'Niċea bejn l-24 ta' Settembru u t-23 ta' Ottubru 787, u huwa meqjus bħala s-seba' konċilju ekumeniku. B'kollox kellu tmien sessjonijiet. L-ewwel ma sar kien li ġew nullifikati l-kanoni tal-konċilju li kien sar qabel minn Kostantinu V, kif ukoll il-konċilju stess. Attendew madwar 365 isqof apparti ħafna monaċi. Mil-listi[14] li baqgħu jeżistu ta' dawk li ħadu sehem ninnutaw li ma kienx hemm xi teoloġi ta' fama. Għalkemm ir-raġuni għala ssejjaħ il-konċilju kienet il-kwistjoni ikonoklasta, kien hemm ħafna temi oħrajn li kważi ma kellhom xejn x'jaqsmu. Fost il-varji temi nistgħu nsemmu kif kellhom jintlaqgħu lura fil-Knisja eretiċi li nidmu; jekk kellhomx jiġu aċċettati l-ordinazzjonijiet li wettqu huma; x'kellu jsir mill-isqfijiet li kienu kontra x-xbihat u li kellhom sehem fil-qerda tagħhom u fil-persekuzzjonijiet kontra min fittex li jaħbi x-xbihat. Saret ukoll preżentazzjoni u diskussjoni ta' siltiet mill-Iskrittura fejn il-qima lejn ix-xbihat hija aċċettata, twaqqgħu l-argumenti tal-ikonoklasti u saret spjegazzjoni, imsejsa fuq it-tagħlim ċar ta' Ġwanni ta' Damasku,[15] li meta tingħata qima lil xbiha, il-qima tkun qed tingħata lil dak li tirrappreżenta mhux lix-xbiha fiha nfisha, u li kull adorazzjoni tingħata biss lil Alla.[16]

Għalkemm ġie kkundannat fis-sena 787, l-ikonoklażmu reġa' għolla rasu bejn is-snin 813 u 842 meta tliet imperaturi wara xulxin (Ljun V, Mikiel II u Teofilu) kienu favuru, iżda mal-mewt ta' Teofilu saret imperatriċi martu Teodora peress li binhom kellu biss tliet snin u hi ħadet ħsieb li fis-sena 843 jitneħħa l-patrijarka Ġwanni ta' Kostantinopli li kien kontra x-xbihat u floku jilħaq Metodju ta' Sqallija li kien favurihom u bis-saħħa tiegħu u tagħha bdiet issir il-festa tal-ortodossija fl-ewwel Ħadd tar-Randan, meta sal-lum għadha tiġi ċċelebrata r-rebħa fuq l-ikonoklażmu.

**Ir-Raba' Konċilju ta' Kostantinopli (869-870)**

L-aħħar konċilju ekumeniku tal-Knisja universali li nżamm fil-Lvant huwa wkoll l-ewwel wieħed li dwar l-ekumeniċità tiegħu m'hemmx qbil bejn il-Kattoliċi u l-Ortodossi.[17] Din id-darba l-argument ewlieni bilkemm jista' jitqies bħala wieħed duttrinali fejn kien hemm xi ereżija jew tagħlim żbaljat imdaħħal; aktar għandu jitqies bħala argument dixxiplinarju li nħoloq madwar xiżma (xi ftit jew wisq politika) li seħħet bejn Ruma u Kostantinopli.[18]

Sas-sena 800 l-imperu fil-Punent kien ilu li spiċċa u għalkemm il-Papiet minn żmien għal żmien kienu jfittxu l-għajnuna jew l-alleanzi mas-slaten barbari li bdew jokkupaw it-territorju li qabel kien ta' Ruma, fir-realtà l-Knisja baqgħet titqies bħala entità li formalment kienet tinsab taħt il-protezzjoni tal-imperatur f'Kostantinopli (għalkemm minħabba d-distanzi dan mhux dejjem kien faċli u xi drabi anqas biss kien il-każ!). Kien minħabba f'hekk li kultant meta kien jinqala' xi tiżgwid bejn il- Papa u l-imperatur dan tal-aħħar kien dlonk jara kif jagħmel biex juri min kien tassew jikkmanda – kien hemm papiet li ġew arrestati u eżiljati, u kien hemm ukoll każijiet fejn imperatur hedded li jattakka lil Ruma jew fejn territorju li kien tal-Knisja ttieħed. Fis-sena 800 s-sultan Karlu l-Kbir tal-Franki u tal-Longobardi ġie nkurunat fil-bażilika ta' San Pietru bħala l-imperatur tal-Punent u minn dik is-sena 'il quddiem sar hu l-protettur tal-Knisja b'mod li l-Papiet ma kellhom l-ebda bżonn jerġgħu jduru lejn l-imperatur tal-Lvant. Dan ma wassalx biss għal xiżma politika, imma s-sitwazzjoni tat ukoll lill-Papa aktar libertà biex jitkellem meta ma kienx jaqbel ma' deċiżjonijiet (speċjalment ekkleżjastiċi) li kien jieħu l-imperatur mingħajr biża li dan kien se jiġi għalih.

Matul dan is-seklu wkoll, il-Bulgari kien irnexxielhom jakkwistaw xi awtonomija mill-Imperu Biżantin u talbu wkoll li jkollhom Knisja awtonoma tagħhom, u talbu speċifikament biex ikollhom missjunarji Latini biex aktar jinħelsu mill-awtorità Biżantina. Kien f'dan iż-żmien li l-qaddisin Ċirillu u Metodju għamlu l-missjoni tagħhom f'dawk l-artijiet bil-barka tal-Papa. Din il-preferenza tal-Latini fuq il-Biżantini min-naħa tal-Bulgari wkoll għenet biex ir-rapporti bejn Ruma u Kostantinopli jkomplu jiqrasu.

Fi tmiem it-taqsima dwar it-Tielet Konċilju ta' Kostantinopli ssemmew l-imperatriċi Teodora u l-patrijarka Metodju li kienu kontra l-ikonoklażmu. Meta miet Metodju fi-sena 847, Teodora għażlet lil Injazju, monaku iben ta' imperatur li kien ġie mwarrab, bħala patrijarka, iżda meta fis-sena 857 l-imperatur Mikiel III ċaħħad lil ommu Teodora mill-poter, magħha warrab ukoll lil Injazju u floku laħħaq bħala patrijarka ta' Kostantinopli lil Fozju, raġel bi kwalitajiet mill-aqwa imma li kien lajk. Injazju appella għand il-Papa Nikola I u dan fis-sena 863 ikkundanna lil Fozju fuq il-bażi ewlenija li sar patrijarka bla ma kien għamel xi żmien saċerdot qabel.[19] Flimkien ma' din il-kundanna kien hemm argumenti oħra li tqajmu tul is-snin ta' wara u li komplew jgħarrqu l-qagħda bejn Ruma u Kostantinopli, fosthom il-pożizzjoni tal-Knisja fil-Bulgarija u l-fatt li l-Papa kkritika xi riti tal-Knisja Griega; bħala risposta fis-sena 867 Fozju tkellem kontra l-indħil tal-Knisja ta' Ruma fil-Bulgarija, li sa ftit qabel kienet taqa' taħt Kostantinopli, u qajjem il-kwistjoni tal-*filioque*, li kienet frażi li l-Knisja ta' Ruma kienet żiedet fil-Kredu, ħaġa li ma setgħetx issir jekk mhux permezz ta' konċilju ekumeniku, u għalhekk tefa' skomunika fuq il-Papa.[20]

Dik is-sena stess sar imperatur ġdid, Bażilju, li fittex mill-ġdid il-għaqda ma' Ruma u warrab lil Fozju u reġa' poġġa lil Injazju. Intant, matul dik is-sena wkoll, miet Nikola I u floku laħaq Papa Adrijanu II. Intlaħaq ftehim bejn il-Papa u l-imperatur biex jissejjaħ konċilju ekumeniku ieħor f'Kostantinopli biex is-sitwazzjoni tiġi ċċarata. L-ewwel ma sar kien sinodu f'Ruma msejjaħ mill-Papa fis-sajf tas-sena 869 fejn reġa' kkundanna lil Fozju u għażel żewġ delegati tiegħu biex imorru Kostantinopli biex jippresjiedu flok l-imperatur u dan ħoloq xi tensjoni, speċjalment minħabba li dawn kellhom ordnijiet mill-Papa li kulħadd kellu jaqbel dwar il-primat ta' Ruma fuq il-patrijarkat ta' Kostantinopli qabel setgħu mbagħad jibdew jiddiskutu lil Fozju u t-temi l-oħra. Il-konċilju beda nhar il-5 ta' Ottubru 869. L-attendenza għal dan il-konċilju ma kienetx kbira; fl-ewwel sessjoni kien hemm biss madwar tnax-il isqof favur Injazju, filwaqt li fl-aħħar sessjoni kien hemm biss ftit aktar minn mitt isqof. Matul is-sessjonijiet Fozju ġie kkundannat, ġew ikkundannati l-isqfijiet li kien ikkonsagra u l-kitbiet tiegħu kontra l-Papa ġew maħruqa. Wara waqfa tul ix-xahar ta' Diċembru, il-konċilju

reġa’ ltaqa’ għal xi żewġ sessjonijiet oħra fi Frar tas-sena 870 fejn ġew approvati l-kanoni.[21]

Kollox deher f’postu, sakemm fl-aħħar nett xi messaġġiera mill-Bulgarija ġabu mistoqsija dwar il-qagħda tal-Knisja f’pajjiżhom. Il-Papa Adrijanu II ma kienx approva l-għażla ta’ arċisqof nominat mir-re Boris u għalhekk dawn staqsew jekk il-Knisja tagħhom kienetx tiddependi minn Ruma jew minn Kostantinopli. Il-patrijarka Injazju, flimkien mal-imperatur Bażilju, ħadu ħsieb li l-Knisja fil-Bulgarija terġa’ taqa’ taħt l-isfera ta’ Kostantinopli u b’hekk it-tensjonijiet bejn iż-żewġ bliet u ż-żewġ sedi patrijarkali reġgħu kibru.

Ma hemmx qbil dwar kemm dan il-konċilju fir-realtà kellu suċċess; insemmu biss li fis-sena 877 Injazju miet u floku laħaq patrijarka mill-ġdid Fozju, u l-Papa Ġwanni VIII aċċetta l-istedina tal-imperatur biex il-proċess kontra Fozju jiġi rivedut. Dan seħħ f’konċilju ieħor li sar bejn Novembru 879 u Jannar 880 li fih kulħadd, inklużi d-delegati tal-Papa, qabel li issa Fozju kien il-patrijarka leġittimu. Temi aktar jaħarqu bħall-*filioque* din id-darba ġew evitati biex ma jinħolqux aktar tensjonijiet. Għall-Knisja Ortodossa, li tqis lil Fozju bħala qaddis, *dan* huwa meqjus bħala t-tmien konċilju ekumeniku mhux dak li seħħ għaxar snin qabel.[22]

## Għeluq

Ma’ dawn l-erba’ konċilji tingħalaq epoka importanti tal-Knisja fejn kien għad hemm xi forma ta’ għaqda bejn il-Lvant u l-Punent. Hemm ħafna sinjali li juru bidla: l-ewwel nett infakkru li l-validità tal-aħħar wieħed fosthom hija kontestata; wara dan ma sarux aktar konċilji ekumeniċi fil-Lvant; minn issa ’l quddiem kull konċilju beda jissejjaħ mill-Papa u mhux aktar mill-imperatur. Sinjal ieħor tal-għeluq ta’ epoka huwa li wara dan l-aħħar konċilju, kellhom jgħaddu kważi tliet mitt sena biex sar ieħor, u din id-darba sar fil-Lateran u seħħ mitt sena wara x-xiżma fil-Knisja bejn il-Lvant u l-Punent. Iż-żminijiet kienu żgur inbidlu, u magħhom inbidlet ukoll il-Knisja.

## Noti

1. A.H.M. Jones, "Were ancient heresies national or social movements in disguise?" *The Journal of Theological Studies 10* (1959): 280-298.
2. Fit-teoriji tiegħu, speċjalment biex juri l-iżball ta' Nestorju, Ċirillu kien jinsisti li wara l-unjoni (jiġifieri meta n-natura divina ngħaqdet man-natura umana fil-mument tal-inkarnazzjoni) Kristu kellu natura waħda biss. Il-motto tiegħu kien μία φύσις τοῦ θεοῦ λόγου σεσαρκωμένη li tfisser "in-natura waħda tal-Verb ta' Alla magħmul laħam". Kien hemm ħafna dibattitu dwar x'ried ifisser Ċirillu għax hemm min isostni li hu kien jemmen li kellu natura waħda biss, waqt li oħrajn isostnu li kien jemmen li kien hemm in-natura umana fil-laħam ta' Kristu. Aktar ma żviluppa l-monofiżitiżmu aktar kien hemm min insista li fir-realtà Ċirillu ma kienx daqshekk radikali fi ħsiebu, imma li ħsiebu kien mgħawweġ minn dawk li ġew warajh.
3. W.H.C. Frend, *The rise of the Monophysite movement chapters in the history of the Church in the fifth and sixth centuries* (Cambridge: University Press, 1972).
4. C. Capizzi, *L'imperatore Anastasio I (491-518). Studio sulla sua vita, la sua opera e la sua personalità*, Orientalia christiana analecta 184 (Roma: Pontificium Institutum Orientalium Studiorum, 1964).
5. E. Honigmann, *Evêques et évêchés monophysites d'Asie antérieure au VIe siècle*, Corpus scriptorum christianorum orientalium 127, Subsidia 2 (Louvain: Peeters, 1951).
6. J. Meyendorff, "Justinian, the Empire and the Church", *Dumbarton Oaks Papers 17* (1968): 43-60.
7. M. Amelotti-L. Migliardi Zingale (eds), *Scritti teologici ed ecclesiastici di Giustiniano* (Milano: A. Giuffrè, 1977).
8. F.X. Murphy-P. Sherwood, *Constantinople II et III*, Histoire des conciles oecuménique 3 (Paris: Éditions de l'Orante, 1974).
9. V. Grumel, "Recherches sur l'histoire du monothélisme", *Echos d'Orient 27* (1928): 6-16; 257-277; *28* (1929): 272-283; *29* (1930): 16-28.
10. P. Goubert, "Les successeurs de Justinien et le Monophysisme", in *Das Konzil von Chalkedon*, edited by A. Grillmeier and H. Bacht, vol. 2 (Würzburg: Echterverlag, 1953), 179-192.
11. D. Baterellos, *The Byzantine Christ: Person, Nature, and Will in the Christology of St. Maximus the Confessor*, Oxford Early Christian Studies (New York: Oxford University Press, 2004).

12. P. Conte, "Il significato del primato papale nei padri del VI concilio ecumenico", *Archivium historiae pontificiae XV* (1977): 7-111.
13. M. Maccarone, "Il papa Adriano I e il concilio di Nicea del 787", *Annuarium historiae conciliorum 20* (1988): 53-134.
14. J. Darrouzèz, "Listes épiscopales du concile de Nicée (787)", *Revue des études byzantines 33* (1975): 5-76.
15. N.A. Jacobs, "John of Damascus and his defense of icons", *Christian Research Journal 42*, no. 3 and 4 (2019): 57-61.
16. G.B. Lander, "The concept of the image in the Greek Fathers and the Byzantine iconoclastic controversy", *Dumbarton Oaks Papers 7* (1953): 1-34.
17. V. Peri, "*C'è un concilio ecumenico ottavo?*" *Annuarium historiae conciliorum 8* (1976): 53-79.
18. F. Dvornik, *Byzance et la primauté romaine* (Paris: Éditions du Cerf, 1964).
19. F. Dvornik, *Le schisme de Photius, histoire et légende* (Paris: Éditions du Cerf, 1950).
20. Din hija kwistjoni li fil-preżent reġgħet tqajmet. Il-verżjoni l-oriġinali tal-Kredu kif miktub fis-sena 381 fil-Konċilju ta' Kostantinopli, meta titkellem fuq l-Ispirtu s-Santu tgħid: τὸ Κύριον, τὸ ζῳοποιόν, τὸ ἐκ τοῦ Πατρὸς ἐκπορευόμενον ("il-Mulej, li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier"); il-verżjoni li għandna sal-lum ngħidu bil-Latin, li saret popolari fis-seklu tmienja, tgħid "Dóminum et vivificántem: qui ex Patre **Filióque** procédit" (Mulej u li jagħti l-ħajja: li ġej mill-Missier **u mill-Iben**"). Għalkemm inkitbu – u għadhom jinkitbu – volumi biex jiġġustifikaw ir-rwol tal-Iben fil-proċessjoni tal-Ispirtu, il-fatt jibqa' li fil-verżjoni oriġinali tal-Kredu u fid-dinja Ortodossa dan ma jissemmiex, għax il-bidu ta' kollox u l-għajn ta' kull esiżtenza huwa dejjem u biss il-Missier. L-eqreb li jaslu t-teoloġi Griegi huwa li jaċċettaw li l-Ispirtu ġej mill-Missier u li jitwassal fid-dinja **permezz tal-Iben**, imma mhux li ġej mill-Iben bħalma ngħidu (forsi bi żball) fil-Kredu aħna tal-Punent.
21. D. Stiernon, *Constantinople IV*, Histoire des conciles oecuméniques 5 (Paris: Éditions de l'Orante, 1967).
22. V. Peri, "Il numero dei concili ecumenici nella tradizione cattolica moderna", *Aevum 37* (1963): 430-510.